

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1869**tad-19 ta' Ottubru 2021****li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banca d'Italia**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Settembru 2021 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia (BĊE/2021/41) ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banca d'Italia, BDO Italia S.p.A., intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2020. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2021.
- (3) Il-Banca d'Italia għażlet lil Deloitte & Touche S.p.A. bħala l-awdituri esterni tagħha għas-snin finanzjarji 2021 sa 2022.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rakkomanda li Deloitte & Touche S.p.A. jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia għas-snin finanzjarji 2021 sa 2022.
- (5) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ⁽²⁾ tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'6. Deloitte & Touche S.p.A. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banca d'Italia għas-snin finanzjarji 2021 sa 2022.'

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊE.

⁽¹⁾ ĠU C 370, 15.9.2021, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN
